**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

# AGENDA

## Seduta nru 3/12

Ser issir seduta tal-Kunsill Lokali nhar it-Tlieta 20 ta' Marzu 2012 fil-5.30 ta' filghaxija fl-Ufficcju tal-Kunsill Lokali b'din l-Agenda.

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajjma mill-Minuti
3. Komunikat mis-Sindku
4. Korrispondenza
5. Hrug ta' Tender Street Sweeping
6. Isem ghall-Playing Fielf f'Misrah Arcisqof Gonzi
7. Approvazzjoni tal-lista ta' pagamenti u xogholijiet
8. Aggornament

S Galea Iriele
Seg Ezekuttiv

Is-Seduta miftuha ghall-attendenza tal-pubbliku

**K U N S I L L   L O K A L I   K A L K A R A**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com   TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt   FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 2-12

**Data: 17 ta'Frar** 2012

**Hin:** 4.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 1.12 gew moqrija u approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Kunsilliera Speranza Chircop.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 Bus Shelter.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li huwa tkellem ma' resident li joqghod Misrah Arcisqof Gonzi fejn dan ta' l-ahhar offra li sakemm titwahhal il-Bus Shelter, n-nies li jkunu qed jistennew il-karozza tal-linja, jistghu jistkennu mill-maltemp taht it-tinda tad-dar tieghu. Il-Kunsill apprezza ferm din l-offerta.

2.2. Skema tad-Djar – Manutenzjoni fil-komun tal-binjiet tal-Gvern.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-amministraturi tal-binjiet tal-Gvern li ntghazlu ghal din is-sena kwazi kollha ntghazlu. Dawk ir-residenti li hatru l-amministraturi tal-binja taghhom ghandhom jghaddu lista ta' dak ix-xoghol li dawn qieghdin jipproponu li jsir fil-binja taghhom. Wara dan il-lista tax-xoghol tigi evalwata mill-Kunsill u mill-periti tal-awtorita tad-djar.

**3 Komunikat mis-Sindku.**

3.1 Xogholijiet.
3.1a Is-Sindku nforma lill-Kunsill li x-xoghol fuq il-mafkar tal-Gwerra ghaddej b'rittmu

tajjeb, huwa nforma lill-Kunsill li il-haddiema li qed jahdmu fuq dan il-mafkar huma 2 haddiema assenjati mal-Kunsill mill-ETC, haddiema tal-IPSL u haddiem mal-Gvern.
3.1b Is-Sindku semma wkoll li l-Progett tal-gnien fejn l-iskola qieghed fi stadju avvanzaat hafna u gej sabih hafna bil-bankijiet ikkuluriti mwahhlin fuq il-post.
3.1c Il-Progett fi Triq l-Isptar Navali kwazi tlesta u gieh sabih ukoll. Huwa qal li r-residenti huma sodisfatti bix-xoghol li sar fl-area taghhom.
3.1d Night Shelter – Is-Sindku semma li l-questionaire li tqassmet dwar in-NightShelter intlaqghet tajjeb min-nies. Huwa qal li jekk ikun hemm ammont konsiderevoli ta' applikazzjonijiet min-nies, jinkera post fil-lokal li jigi ffinanzjat mill-anzjani stess.

**4. <u>Korrispondenza.</u>**

4.1 <u>Ittra mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp</u>
Il-Vici Sindku pprezenta ittra mill-Ghaqda Muzikali San Guzepp Kummissjoni Nar fejn qieghdin jitolbu sabiex waqt il-Festival tan-Nar 2012 jorganizzaw attivita f'Bighi. Is-Sindku qal li peress li diga saret it-talba zmien ilu mill-kumitat tas-Socjeta Filarmonika Sagra Familja din it-talba ma tistax tigi milqugha. Is-Sindku ppropona li din l-attivita tigi alternata minn sena ghall-ohra bejn il-kazini.

5**. <u>Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji qabel l-Audit</u>.**
Tressqu l-Estimi Finanzjarji qabel l-Audit, fejn dawn gew spjegati u gew approvati b'vot unanimu.

**6. <u>Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti</u>.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 2-12.

**7. <u>Aggornament</u>**

Il-Kunsilliera Maria Sultana gibdet l-attenzjoni dwar il-bankina ta' taht il-Housing Estate tar-Rinella li tizloq hafna.
Is-Sindku qal li se titnizzel mal-lista tax-xgholijiet li ser isiru fiz-zmien li gej.

Hija regghet qajmet il-kwistjoni taz-Zebra Cross fi Triq il-Missjoni Taljana minhabba n-nies li jaqsmu meta twaqqafhom il-karozza tal-linja.
Is-Sindku qal li dawn ghandhom isiru wara li jsir ir-resurfacing tat-triq inkwistjoni.

Il-Kunsillier Norbert Grech gibed l-attenzjoni fuq xi hofor li hemm fit-triq San Leonardu.
Is-Sindku qal li dawn ser isiru fiz-zmien li gej.

Is-Seduta spiccat fil-5.00 ta’ filghaxija u giet aggornata sine dia.

| | |
|---|---|
| M.Cohen | S Galea Iriele |
| Sindku | Seg Ezekuttiv |